KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 42** **Tlieta 25 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fil-6:10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maria Pia Bonnici - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**MISTIEDEN:**
Daniel Tabone – Perit tal-Kunsill

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 41**
Il-Kunsillier Cassar nforma li xtaq jiċċara li meta qal li l-prezz huwa għali, dan qalu rigward li ridna nikkonfermaw ma l-accountant tal-Kunsill li hemm il-baġit.

**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tal-Melita ġew għamlu l-modem, issa kemm jiġu jagħmlu l-konnessjoni tal-PABX.

**REF: 37.3.3 Kommunikazzjoni – PA 9958/18 Demolition of Exisiting Public Convenience; Works Order 110/2021.**
Is-Sindku nfurmat li ħa nitkellmu fuq din l-*item* aktar il-quddiem waqt il-laqgħa, fejn ħa jingħaqad magħna l-Perit tal-Kunsill.

**REF: 37.4.4 Magazine tal-Kunsill**
Is-Sindku nfurmat li skond it-tender il-Kunsill jrid jagħmel *printing* ta' 9500 kopja, li hija bażata fuq kemm hawn residenzi ġewwa l-Mosta, kif wkoll fuq bażi ta' 32 paġna, u għalhekk dan jrid jiġi *printed* skond il-*households* fil-Mosta, kif jindikaw tal-Mailbox, li skont is-sit tagħhom bħalissa il-Mosta għanda 8633 *household.*

Il-Kunsillier Deguara ħadem fuq dan il-*magazine* b'mod volontarju. Il-Kunsillier Deguara nforma li oriġinarjament il-*magazine* kien ser jkun fih l-fuq min 100 paġna, u ħadem biex jitnaqqsu l-paġni u issa l-*magazine* finali għandu 56 paġna (52+4) li jinkludi il-*cover* tiegħu.

Fis 6:15pm daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera R. Abela.

Saret diskussjoni dwar Il-kwotazzjoni fejn il-kuntrattur qed jiddikjara li għola il-prezz tal-karta.

Fis 6:20pm daħal għal laqgħa l-Viċi Sindku.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-kuntrattur ma jistax jgħolli l-prezz min dak stipulat fit-tender, ħlief fejn jrid jiżdied il-prezz pro-rata għax żdiedu l-paġni. Il-kwotazzjoni qegħda għal 130 gsm paġni ta' ġewwa, u l-*cover* 200 gsm. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja t-tender bħala gsm ħalli s-Sur Deguara jerġa jikkomunika mal-kuntrattur, biex jimxi mal-BOQ, u jirrevedi l-kwotazzjoni.

**REF: 37.4.8 PAMA**
Is-Sindku nfurmat li reġgħet ntbagħtet email lil-PAMA, biex jibgħatu *update* dwar il-ġnien Kevin Vella f'ta Mlit. Is-Sindku nfurmat li rrisponda s-Sur Charles Borg fejn kien informa li dak in-nhar stess flimkien mal-Perit tagħhom ħa jiltaqgħu mal-kuntrattur. Illum ġimgħa wara s-Sindku reġgħet bagħtet lil-PAMA li għadna ma smajna xejn, għalhekk nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat lil-Awtorità ta' Ippjanar għax dan issa għandu kuntratt skadut, u rridu *time-frames* tax-xogħolijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bqajna bla risposta dwar l-ittra legali li ntbagħtet lil PAMA, u l-membri preżenti unanimament qablu li għanda tinfetaħ kawża, u jiġu kkupjati l-Awtorità ta' l-Ippjanar b-*update* li l-PAMA għadhom jitratenu biex xogħolijiet, u li l-Kuntratt skada f'Mejju ta' l-2019.

**REF: 37.4.9 Outdoor Gym**
Is-Sindku nfurmat li l-*pots* bis-siġar huma lesti, u ser jsir il-ftuħ nhar il-15 ta' Frar fis-1:00pm. Il-membri preżenti urew ix-xewqa li jattendu, però dak il-ħin minħabba x-xogħol huwa diffiċli

biex jattendu, għalhekk talbu biex tintbagħat email lil-Ministeru għal-talba jekk il-ftuħ jistax jsir filgħodu fid-9:00.

**REF: 37.4.12 Triq il-Kbira (Main Street)**
Is-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni għal-*direct order* biex ssir il-bankina fi triq il-Kbira għaddiet lid-DLG, fejn ġiet pproċessata u qegħda għal-approvazzjoni tal-Ministru.

Il-Viċi nforma lil-membri preżenti li l-Kunsill talab għal-wiċċ tal-bankina b'tal qawwi, jiġifieri il-kurduna ħa tkun konkos u mhux tal-qawwi. Il-membri preżenti qablu li idealment il-kurduna tkun tal-qawwi wkoll, u għalhekk il-Viċi nforma li ħa jġib kwotazzjoni.

Is-Sindku nfurmat li l-ammont ta' €168,138 li ssemma fl-aħħar laqgħa huma San Pawl tal-Qliegħa ħitan tas-sejjieħ €31,311 u Salvin xogħolijiet tal-ġonna €136,827.

Il-Viċi Sindku nforma li Noel Vella nfurmah li kif jlestu triq il-Kbira fejn Cauchi, ħa jibqgħu għaddejjin u jagħmlu trinka mil-pjazza għal wied. Il-Viċi żied jgħid li waqt il-laqgħat ma Infrastructure Malta (IM), kienu rrimarkaw li hemm erba' *junctions* li jimmeritaw li jiġu ddiżinjati, liema disinn kellu jgħin fih Lawrence Darmanin. Il-Viċi nforma li tkellem ma Frederick Azzopardi biex jgħin fid-disinn ta' dawn il-*junctions* li huma l-pjazza, fejn is-Subaru, Ventur u ta' Triq il-Kbira ma Vjal Indipendenza.

Ta' Triq il-Kbira ma Vjal Indipendenza ddisinjawha u ġew bi proposta ta' *roundabout* minħabba l-*crossovers,* allura minħabba li din ġejja kbira hemm bżonn ta' esproprjazzjoni mal-Lands, għal parti min faċċata li hija Villa *area*, però IM mhux ħa jagħmlu esproprjazzjoni ġo Villa *area* jiġifieri din issa ġiet problema tal-Kunsill. Il-Viċi nforma li tkellem ma Frederick Azzopardi, is-Sur Casingena u l-perit biex tinstab soluzzjoni li ma tinvolvix esproprjazzjoni.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kellmuh xi residenti li triq il-Kbira tista' tinżamm bid-direzzjoni tat-traffiku l-isfel filwaqt li Kungress Ewkaristiku tinżamm l-isfel wkoll. Il-Kunsillier Cassar informa li ma tagħmilx sens li min 6 toroq, 4 huma dħul għal Mosta u 2 ħruġ, kieku bil-maqlub tagħmel aktar sens, għalhekk hemm bżonn li din tiġi diskussa wkoll.
Il-Viċi nforma li hemm żewġ sfidi jekk triq il-Kbira tkunx direzzjoni l-fuq, għax hemm individwu li ma jistax jikwartja tal-linja biex joħroġ.

Il-membri preżenti qablu li tiġi diskussa waqt Traffic Management Committee.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nfurmat li bħala pjanta għadna ma rċevejniex risposta, però il-ġimgħa li għaddiet sar *meeting.* Il-Viċi Sindku nforma li Lawrence Darmanin għadda x-xogħolijiet f'idejn Noel Vella, fejn il-Viċi ltaqa ma Noel Vella u l-perit Rodney fejn nformahom li l-Kunsill għadu ma rċeviex l-pjanta riveduta, fejn kellu jkun hemm l-esproprjazzjoni fejn iċ-ċimiterju, *roundabout* triq il-Mitħna ma Durumblat, u li jitneħħew il-layby's u l-bankina tkun kontinwa.

Il-Viċi nforma li ra l-pjanta li ġiet riveduta, fejn tneħħew il-layby's u l-bankina qegħda kontinwa fuq iż-żewġ naħat. Rigward tar-restorant ħa ssir *zebra crossing* quddiemu. Fejn hemm il-kappella tal-kunċizzjoni, fejn jipparkjaw il-*containers*, hemm ser jsir *embellishment* u ħa jħawlu s-siġar u l-bankina ħa tkun kontinwa.
Ir-*roundabout* tan-naħa ta' ħ'Attard ħa ssir wara li titlesta triq Durumblat, u *roundabout* f'ta Swaey għalissa mhux ser ssir minħabba li hemm problema fuq esproprjazzjoni. Rigward l-

espropriazzjoni ta' fejn iċ-ċimiterju mxiet il-Lands u għanda referenza L576/2020/1. Saret diskussjoni u l-Viċi nforma li staqsa lil Infrastructure Malta jekk jistax japplika għar-*roundabout* il-Kunsill imbagħad tiġi mplimentata min-Infrastructure Malta, fejn Infrastructure Malta kkonfermaw li nistgħu. Il-Viċi staqsa lil membri preżenti jekk jaqblux li l-Kunsill japplika għar-*roundabout*, u l-membri preżenti qablu li japplika l-Kunsill.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report u Miżura 4.3 EAFRD**
Is-Sindku nfurmat li l-Viċi kien attenda laqgħa flimkien mal-Perit tal-Kunsill u l-Inġinier, fejn ser jinħareġ rapport mil-Inġinier tax-xogħolijiet meħtieġa fuq il-pont.

Is-Sindku nfurmat wkoll li nħarġet skema Miżura 4.3 EAFRD ta' fondi tal-Unjoni Ewropeja għal xogħlijiet fuq toroq rurali, u għalhekk ser nippruvaw ndaħħlu fil-proġett l-pont tal-Bidnija, kif wkoll il-wiċċ ta' żewġ toroq li huma triq San Pawl tal-Qliegħa u triq il-Ħarruba. Dan il-proġett għandu *co-financing* ta' 90% u l-Kunsill joħroġ 10%.

Is-Sindku nfurmat wkoll li din l-iskema hija għal toroq, però ħa nippruvaw ndaħħlu fl-applikazzjoni li l-istruttura tal-pont tinbena mil-ġdid, u mhux ssir il-wiċċ tat-triq.

Il-membri preżenti approvaw biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema Miżura 4.3.

**REF: 35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Dawl tal-Pont**
Is-Sindku nfurmat li għad irridu nibdew naħdmu fuq it-tender tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tkellem lil Galea Curmi. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jiġi mħejji t-tender għal-*security officer* għal l-istess ġnien.

Is-Sindku kompliet tgħid li xtaqet tagħti *update* fejn id-DLG nfurmawna li nistgħu mmorru għal-tender u nużaw il-proċedura tal-*procurement* għal l-*illuminated bollards*, però ma tawnhiex permess li nużaw il-fondi li ġibna għal-manutenzjoni tal-ġnien fejn jidħlu *Security Services.*

**REF: 40.3.2 Kommunikazzjoni - Bring-In-Sites**
Is-Sindku nfurmat li l-ERA qed tinforza skond il-*legal notice* li jsiru 10 bring-in-sites fil-Mosta, u qegħda tinsisti magħhom li ma rridux nibdew mil-ewwel b'10 siti.

Is-Sindku talbet lil-membri preżenti biex għalmenu nibdew b-erba' siti, u ssuġġeriet Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, triq il-Fortizza tal-Mosta, triq il-Lunzjata (fejn il-bin il-blu tal-ħwejjeġ), u pjazza Sta. Margerita. Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li nibdew bi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u triq il-Fortizza tal-Mosta, u triq il-Lunzjata u Pjazza Sta. Margerita għalissa ħa jinżammu pendenti.

Fis-7:30pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*items* 42.3.10 Kommunikazzjoni-Tender Documents Mosta Public Convenience u 42.3.11 Kommunikazzjoni- Mosta Park and Ride.

**REF: 40.3.10 Kommunikazzjoni – Bandli Żokkrija Trenching**
Is-Sindku nfurmat li t-*trenching* huwa lest, u kemm jsir il-*laying* tad-dawl.

**REF: 40.4.14 – Proġetti Parkour u Public Convenience**
Is-Sindku nfurmat li fadal l-aħħar ftit xogħolijiet, u bħala ftuħ tal-Parkour, saret it-talba lil-Ministeru għal-data u ħin, fejn ġie mitlub li jekk hu possibbli għal-Ministru il-ħin jkun filgħodu biex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jattendu.
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-*equipment* jiċċaqlaq, u s-Sindku nfurmat li l-kuntrattur fadallu ftit xogħol ta' *finishing*, inkluż xi konkos u *rubber flooring* fejn l-*equipment* qiegħed marbut.

**REF: 40.5.1 Mosta Community Park fi Triq il-Mitħna**
Is-Sindku qrat l-email li rċevejna mil-Wasteserv, biex il-Kunsill jiffirma l-kuntratt.

Il-membri preżenti unanimament qablu, li dan il-ġnien bħala żamma u manutenzjoni tkun f'idejn il-Kunsill.

**REF: 40.3.8 Kommunikazzjoni – Applikazzjoni biex jinħareġ permess għal impjieg skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegata s-Sa. Dorianne Wells irriżenjat. Peress li l-Kunsill kien applika għal vakanza waħda għal skala 16 talab lid-Dipartiment jekk jistax japplika għal zewġ vakanzi ta skala 16, id-dipartiment informa lil kunsill li biex idaħħal żewġ persuni, il-Kunsill irrid jerġa jimla l-applikazzjoni sabiex jinħareġ permess ieħor addizzjonali.

**REF: 40.5.3 - Update -Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ma applika ħadt internament, bejn il-Kunsilli, Tribunali u Reġjuni, bagħtna lil Jobs Plus sabiex jibgħatulna lista tal-Part 1.

**REF: 41.3.2 Kommunikazzjoni- Pottery Session għat-Tfal**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għal *pottery session* applikaw erba.

Fit-8:45pm il-membri preżenti unanimament qablu li l-laqgħa tkompli sad-9:30pm.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 41.

**42.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**
**42.3.1 – Kommunikazzjoni – PA 2159/19 Targa Battery tat targa off Triq il-Bidnija Mosta**
Il-Kunsillier Cassar nforma li kien ħareġ permess biex jiġi sanzjonat id-depożitu ta' ħamrija, li kien sar mingħajr permess fiż-żmienu. Għal min jiftakar tat-Targa Battery kien post żdingat fejn ġiet mnaddfa mil-iscouts u mwittija b'ħamrija, liema ħamrija tressqet min post għal-ieħor u għalhekk ħadd ma kien jobsor li trid permess. Minħabba f'hekk l-Awtorità ta' l-Ippjanar ħarġet *enforcement notice.*

Saret *site visit* mil-Awtorità ta' l-Ippjanar fejn raw li l-post qed jiġi mnaddaf u restawrat u nfurmawhom biex japplikaw biex issir *sanctioning.* Il-Kunsill kien applika u ma l-istess applikazzjoni nkluda li jsir taraġ min isfel għal-fuq, liema taraġ sar tal-ħadid mil-iscouts. Ix-xogħolijiet ta' tindif u restawr inkluż ħlasijiet ta' permessi qed jsir u jitħallsu mil-iscouts. Il-Kunsill kull ma qed jidher bħala isem, għax tat-Tarġa Battery jgħajjat lil Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kien tkellem ma l-Onor. Alex Muscat biex jiggwida kif l-aħjar jimxu, fejn bħala Scouts waslu, l-multa tnaqqset bin nofs għal €600, u l-permess ħareġ bit-taraġ. Dan it-taraġ ntalab biex jiġi miżbugħ b'kulur tal-militar imma ntalbu li jiġi miżbugħ *Cream.* Il-Kunsillier żied jgħid li illum il-Batterija m'għandiex aktar *enforcements* fuqha. Il-Viċi Sindku nforma lil Kunsillier Cassar biex ma jinsewx japplikaw biex taqa' l-*enforcement.*

Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex rigward is-*subleasing*, nitolbu lis-*stakeholders* li huma lis-Scouts u l-Każin Santa Marija, biex jiġu l-Kunsill jiffirmaw. Il-Kunsillier Cassar fakkar wkoll li ħa jiskadi il-*lease agreement* bejn il-Lands u l-Kunsill u biex ma ninsewx inġeddu l-kuntratt.

Il-Viċi Sindku talab biex jiġi rivedut l-kuntratt bejn il-Kunsill u lis-Scouts, la wasal biex jagħlaq il-*lease agreement* bejn il-Lands u l-Kunsill, biex ma jkunx hemm *sublease* ieħor bejn lis-Scouts u l-Każin Santa Marija, imma l-Kunsill għandu jirrikonoxxi lit-tnejn.

Il-membri preżenti talbu li jiġi ċċirkulat il-kuntratt li kien sar bejn il-Kunsill u lis-Scouts.

**42.3.2 – Kommunikazzjoni – Nejnu liż-Żgħażagħ**
Is-Sindku nfurmat li saret talba għal-*skate park* fiss*,* fejn infurmat lil min għamel it-talba li m'hemmx post fejn jsir *skate park* fiss, imma tista' ssir attività bir-roti, u għalhekk għaddiet it-talba lil-Kunsillier Zerafa biex jilħaq jaraha mbagħad jsir *meeting*.

**42.3.3 – Kommunikazzjoni – Talbiet biex jissemmew toroq għal Dr Calvagna u Mons. Joe Carabott.**
Is-Sindku nfurmat li wara tħabbret il-mewt tat-tabib Calvagna daħlu bosta rakkomandazzjonijiet biex t'issemma xi triq jew ġnien għalih. Triq minnhom hija triq Bufula l-Ħamra fejn t-tabib Calvagna kien resident, biex t'issemma għalih.

Il-Kunsillier Cassar nforma li waslitlu talba wkoll biex t'issemma għal Mons. Joe Carabott, u ġiet ssuġġerita triq Stivala. Intgħażlet din it-triq għax jidher li ħadd ma jaf min hu u min fejn oriġina dan l-isem.

Il-membri preżenti unanimament qablu biex jinbidel l-isem ta' triq il-Bufula l-Ħamra, u t'issemma triq it-Tabib Victor Calvagna, u jinbidel l-isem ta' triq Stivala, u t'issemma triq il-Mons. Joe Carabott.

**42.3.4 Kommunikazzjoni-Talba għal Loading /Unloading fi Triq Ponsomby u Triq il-Kostituzzjoni.**
Is-Sindku nfurmat li bħala *traffic management committee,* responsabbli min *yellow lines* f'kantunieri, *yellow lines* ta' metru fi ġnub il-garaxxijiet, u *parking bays* bojod.
Is-Sindku nfurmat li jidħlu bosta talbiet dwar *loading /unloading bays,* u dawn ser jibdew jgħaddu wkoll lit-*traffic management committee,* mhux biex il-kumitat joġġezzjona imma biex jekk il-kumitat jixtieq jressaq il-kummenti tiegħu, dawn jkun jista' jagħmilhom.

Il-Kunsillier Gatt nforma li fi triq Kostituzzjoni fejn hemm Casa Arkati fetaħ ħanut, u quddiemu hemm kaxxa bajda u applika għal *loading /unloading bay.* Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk applika titla *traffic management committee.*

**42.3.5 Kommunikazzjoni- Dekorazzjoni ta' kejkijiet Kors**
Is-Sindku nfurmat li waslet talba biex jsir kors dwar dekorazzjoni ta' kejkijiet, biex noffru s-sala b'xejn. Il-kors magħmul min tnax il-lezzjoni ta' sagħtejn u nofs kull lezzjoni, u jiswa €50 għal kull lezzjoni li jinkludi materjal, u l-Kunsill kemm jipprovdi l-post.
Is-Sindku talbet lil-membri preżenti jekk jaqblux lil noffru l-*foyer* bla ħlas, peress li ikel mhux permess fis-sala. Saret diskussjoni u l-membri preżenti approvaw li jingħata l-*foyer* bla ħlas.

**42.3.6 Kommunikazzjoni- Vjal Ragusa Mosta Garden and Quotation**
Is-Sindku ressqet kwotazzjoni tal-kuntrattur tal-Kunsill tal-Parks and Gardens biex titnaddaf iz-zona mimlija b'ħaxix ħażin fi Vjal Ragusa. Dan ix-xogħol qed jintalab mil-Kunsill u l-kwotazzjoni tammonta għal €8,700 eskluż VAT.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara, ssir bankina kif tispiċċa r-rampa, u tersaq iż-żebra *crossing*.

Is-Sindku nfurmat li peress li Infrastructure Malta ser jibdew ix-xogħolijiet sal-pont, it-tendenza hija li Vjal Ragusa mbagħad ħa jagħmluha huma, inkluż il-bankina.
Il-Viċi Sindku nforma li s-*service roads* mil-*pet shop* li qiegħed fi triq Difiża Ċivili sal-pont ser jagħmluha Infrastructure Malta.

Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjoni ta' €8,700 eskluż VAT.

**42.3.7 Kommunikazzjoni- Skema Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex**
Is-Sindku nfurmat li hemm skema għal finanzjament ta' żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*playing fields* fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-fond huwa ta' €45,000 fejn 85% huma f'finanzjati mil iskema u 15% mil-Kunsill.

Is-Sindku ssuġġeriet li jsir equipment fi ġnien Reggie Cilia, u l-membri preżenti approvaw li napplikaw.

**42.3.8 Kommunikazzjoni- Quotes for provision and installation of pillars**
Is-Sindku nfurmat li fi triq San Pawl tal-Qliegħa, fejn hemm it-trejqa quddiem il-kappella, ċedew u waqgħu il-*pillars* tal-ġebel. Is-Sindku preżentat il-kwotazzjonijiet li rċevejna liema l-irħas kwotazzjoni hija ta' €3,350 eskluż VAT.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti talbu li minflok jsiru *bollards* tal-ħadid mis-suwed, milli *pillars* tal-ġebel kif kien hemm qabel.

**42.3.9 Kommunikazzjoni- Tindif fi triq Wied il-Għasel**
Is-Sindku nfurmat li triq Wied il-Għasel fejn hemm l-għelieqi hemm ħafna ħaxix ħażin, u ġiet avviċinata mid-Direttorat tat-turiżmu, biex jnaddfu z-zona huma u l-Kunsill jipprovdi żewġ *skips*.

Il-membri preżenti approvaw li l-Kunsill jipprovdi lis-*skips* jew *hook loader*.

**42.3.10 Kommunikazzjoni- Tender Documents Mosta Public Convenience**
Il-Perit tal-Kunsill ta' spjegazzjoni dwar it-tender document tal-latrina pubblika, u ġew diskussi dawn il-punti.

- Nipproċedu b'pavimentar *hardstone* minflok pavimentar tal-konkos – ġew ikkunsidrati r-rati mibgħuta mill-kunsill, biż-żieda fl-ispiża globali tal-offerta mistennija tammonta għal madwar Eur16,000 aktar mill-istima preżenti;

- Nipproċedu b'applikazzjoni għal emenda żgħira biex tkopri dan ta' hawn fuq u kwalunkwe tibdil żgħir ieħor wara l-ħruġ tal-permess;

- *Canopy* ġie konfermat bħala inaċċettabbli fil-livell ta' emenda minuri u għalhekk għandu jitwaqqaf, sakemm tkun tista' tiġi sottomessa applikazzjoni għal żvilupp sħiħ;

- Għażla ta' awto-tindif għadha qed tiġi kunsidrata mill-kunsill u għandha tiddaħħal biss fid-dokumenti tal-offerti bħala 'għażla preferuta'. Il-Kunsill għandu jikkonferma jekk nixtiequ li nħarsu lejn dawn is-sistemi fid-dettall.

Punti oħrajn:
- Il-Perit avża l-Kunsill biex jġib speċifikazzjonijiet u letteratura mill-istess fornitur tar-rati jew mod ieħor, qabel ma nipproċedu bl-għażla *hardstone*, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu riveduti għall-kwalità u integrati fid-dokument tal-offerta;

- Il-Perit tal-Kunsill qed jistenna tweġiba mill-Kunsill dwar id-disinn tal-*canopy* il-ġdid.

Il-Kunsillier Cassar talab lil Perit Daniel biex jitkellem mal-Perit Etienne fuq il-kunċett tas-*self cleaning toilets* biex dawn jkunu marbutin mal-baġit €250,000 / €270,000.

Fit 8:05pm il-Kunsillier Camilleri talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

**42.3.11 Kommunikazzjoni- Mosta Park and Ride**
Il-Perit tal-Kunsill ta' spjegazzjoni u qasam fuq l-iskrin il-proġett tal-Mosta Park & Ride, u ġew diskussi dawn il-punti.

- Iż-żona ħamra (Appendiċi A) indikata fid-dokument ta' strateġija għandha tintuża għal skopijiet edukattivi u m'għandhiex tifforma parti mill-ġnien propost fuq il-parkeġġ. Il-parti fejn indikata b'linja ħamra, hija art ODZ.

- Ġnien Carmelo Dimech: il-proposta tal-ġnien ekoloġiku bħalissa tinsab sospiża sakemm isiru d-diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-EWA.

**42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**42.4.1 – Ilmenti u Rapporti**
Il-Kunsillier Farrugia fakkar biex meta jressaq ilment, jiġi kkupjat fl-email tar-rapport, ħalli jkun jaf f'hiex wasal l-ilment, għax wieħed mil-ilmenti li ressaq reċentement ma kienx ikkupjat.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa tfakkar lis-staff tal-Kunsill, però fakkret wkoll lil membri preżenti li bħalissa qegħda b'nuqqas ta' 4 staff.

**42.4.2 – Targa Gap**
Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex waslet il-*public consultation* f'Targa Gap bl'aħħar tibdiliet. Is-Sindku nfurmat li ħa tintbagħat ittra bl-*update* lir-residenti, għax kien hemm nuqqas ta' ftehim u minflok telgħet Kunsill.

**42.4.3 – Qalbiena Mostin**
Il-Kunsillier Cassar talab *update* dwar Qlabiena Mostin. Is-Sindku nfurmat li bagħtet lil Infrastructure Malta s-Sur Frederick Azzopardi.

**42.4.4 – Kirja ta' Arblu**

Il-Kunsillier Cassar nforma li kienet ġiet approvata is-siġra tal-Milied, imma l-kirja ta' l-arblu ta' €200 mil grupp ta' l-armar, ma tressqitx għal approvazzjoni.

Il-membri preżenti approvaw il-ħlas tal-kirja ta' l-arblu.

**42.5 Rapporti**

**41.5.1 Update - Development Funds as at 25.1.2022**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**42.5.2 – Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati**

Il-membri preżenti approvaw il-*performance bonus* ta' 10% għas-Segretarju Eżekuttiv, u 6% għal-impjegati Sa. Ebejer, Sa. Calleja, Sin. Theuma Marshall, Sa. Wells, Sin. Debono, Sa. Coppola, Sa. Galea, Sa. Zammit Tabone, Sa. Micallef Camilleri u Sa. Abela.

**42.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**42.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 124.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 16 ta' Diċembru 2021 sal-25 ta' Jannar 2022.

**42.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**42.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**42.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta' Diċembru 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**42.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:45 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-23 ta' Frar 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 25 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |